MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Numru. 504/2008

**Kawza Nru: 504/2008**

**Illum, 28 ta' Ottubru 2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**Vs**

**Philip Azzopardi, ta' 57 sena, bin Victor u Costanza nee' Cortis, imwieled tas-Sliema fit-30 ta' Novembru 1950 u li joqghod Deo Gratias, triq Birguma, Naxxar detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 988050(M)**

**Anthony Mifsud ta' 59 sena, bin Salvu u Ganna nee' Zammit, imwieled Birzebbugia fl-4 ta' Ottubru 1948 u li joqghod f'numru 20, Triq il-Kostituzzjoni, Birzebbugia, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 888748(M)**

Il-Qorti**,**

Rat l-akkuza migjuba kontra ’l hawn fuq imsemmija Philip Azzopardi u Anthony Mifsud li gew akkuzati talli f’Novembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fil-kapacita taghhom ta’ ufficjali jew impjegati pubblici, bid-dieher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta’ persuna ohra, hadu interess privat f’aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellhom ghal kollox jew f’parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellhom din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni nbdew.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

**<u>FATTI TAL-KAZ</u>**:

Illi fl-20 ta’ Settembru 2005 certu Ian Sultana residenti fil-fond Sandringham, Sir Ugo Mifsud Street, Ta’ Xbiex ressaq applikazzjoni quddiem l-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar u dana ghal hrug ta’ hekk imsejjah “*outline development permit*”. Il-Perit Arkitett inkarigat f’din l-applikazzjoni kien il-Perit Paul Camilleri. L-izvilupp propost kien ghal “*open air entertainment area*”, li kien sitwat f’art ta’ madwar 2550 metri kwadri gewwa triq “off Mistra Road”, gewwa San Pawl il-Bahar u cioe’ fil-bajja tal-Mistra. Flimkien ma’l-applikazzjoni gie ipprezentat ic-*certificate of ownership B*, rikjest mill-ligi u cioe’ mid-Development Planning Act fejn l-applikazzjoni ma tkunx qed issir mis-sid tal-fond u fejn allura permezz ta’ dana ic-certifikat l-Awtorita giet infurmata illi s-sid kien l-Onorevoli Jeffrey Pullicino Orland. Flimkien mac-certifikat gie anness ukoll in-notifika permezz ta’ ittra registrata lis-sid

tat-23 ta' Settembru 2005 mill-Perit Paul Camilleri, kif tirrikjedi il-ligi.

L-applikazzjoni giet validata mill-Awtorita u dana fil-25 ta' Ottubru 2005 u is-*site notice* inharrget fis-26 ta' Ottubru 2005. Il-*file* imbaghad ghadda f'idejn il-*case officer* li f'dana il-kaz kienet Daniela Carla Agius, filwaqt li Carmel Caruana kien it-*team manager*. L-applikant intalab igib *clearance* mill-Malta Tourism Authority li fil-fatt ghamel u dana permezz ta' ittra tal-14 ta' Novembru 2005. Wara dana l-*Case Officer* tallbet konsultazzjoni ma' diversi entitajiet u cioe' mal-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent b'mod specjali mad-Direttur ghall-Agrikoltura, l-Environment Protection Directorate u in-National Heritage Advisory Committee tal-MEPA, li kollha kienu tal-parir illi l-izvilupp propost kien inacettabbli u dana peress illi is-sit kien wiehed sensittiv, li kien *special area of conservation of international importance* (*natura 2000 site*) *ecological buffer zone* u li kien ser ihalli impatt negattiv fuq "*neighbouring site of scientific importance*" oltre li kien ser ihalli ukoll impatt negattiv fuq l-agrikoltura f'dina iz-zona li kienet qed tigi ikkunsidrata ghall-*organic farming*. Gie ukoll sottolinjat iz-zieda fin-*noise pollution* u *light pollution* f'dina z-zona oltre problemi ohra bhal *traffic management* minhabba t-traffiku li l-izvilupp propost kien ser johloq f'dana is-sit. Barra minn dana kollu irrizulta illi kien hemm xi kostruzzjonijiet ohra fuq dana is-sit li ma kenux koperti bil-permessi relattivi u ghalhekk kienu illegali

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-*Case Officer* iffinalizzat ir-rapport taghha fejn hija irrakkomandat illi dana l-izvilupp ma kellux jigi ikkunsidrat b'mod favorevoli u li ghalhekk l-applikazzjoni kellha tigi rifjutata. [1]

Illi wara dana, l-applikazzjonijiet giet riferuta lid-Development Control Commission Sezzjoni "A" jew kif inhi maghrufa bhala id-DCC A u cioe' l-Kummissjoni li tiehu hsieb applikazzjonijiet li jaqghu taht "*outside development zone*" (ODZ). Illi tenut kont tal-importanza ekologika ta'

[1] Ara DPAR a fol.24 tal-file ezebiet bhala Dokument AG1 datat 13 ta' Marzu 2006 fejn hemm elenkati ir-ragunijiet tal-Case Officer Daniela Carla Agius ghar-rifjut ta'l-applikazzjoni 2880/2005.

dana is-sit, l-Awtorita madanakollu ma hassitx illi kellu jsir *Environment Impact Assessment* fejn allura l-applikazzjoni ma kenitx tghaddi sabiex tigi deciza mid-DCCA, izda mill-Bord tal-MEPA stess li f'kazijiet bhal dawn ghandu il-poter li jaghti decizjoni.

L-ewwel laqgha tad-DCC 'A' saret fis-16 ta' April 2006. Il-membri formanti parti dana l-Bord kienu l-imputat il-Perit Philip Azzopardi bhala chairman, u l-imputat Anthony Mifsud, Charles Micallef St. John, Mark Azzopardi, Carmel Portelli, Charles Calleja u l-Perit Chris Spiteri. Il-Bord f'din l-ewwel laqgha talab iktar informazzjoni minn ghand l-applikant, kif ukoll irrefera l-kaz lill-Executive Committee ghal gwida ta'l-istess skond il-ligi. Fit-2 ta' Gunju 2006 l-applikant permezz tal-perit tieghu issottometta rapport dettaljat maghmul minn certu George Micallef f'isem is-socjeta "Insite Consultants".[2]

Illi wara dana u cioe' fil-31 ta' Awissu 2006 wasslet ir-rakkomandazzjoni ta'l-Executive Comittee li kienet ukoll wahda ta' rifjut bil-kliem "*the Executive Committee directed that the DCC is to consider that the area is outside development zone and the project is not justified in such an area*".[3]

Illi fl-4 ta' Jannar 2007, it-*team manager* tal-MEPA, il-Perit Alexander Borg ghamel is-segwenti rakkomandazzjoni lil Bord tad-DCC 'A' u cioe' illi fl-eventwalita' illi l-Bord jikkonsidra jilqa' l-applikazzjoni ghandu jzomm f'mohhu zewg affarijiet u cioe' illi is-sit huwa *Special area of conservation* u ghalhekk ikun hemm bzonn konsiderazzjoni ulterjuri mid-Direttorat ta'l-Ambjent, kif ukoll il-fatt illi d-Dipartiment ta'l-Agrikoltura kien ghadu ma tax il-kunsens tieghu sabiex jigu imnehhija is-sigar protetti li hemm fuq is-sit.[4]

Illi madanakollu fil-laqgha tal-24 ta' Jannar 2007 il-Bord tad-DCC ghall-ewwel darba isemmi l-pjan strategiku li qed

---

[2] Red 34A fil-file Dokument AG1 dokument bil-kliem bl-inka hamra "loose document attached to file."
[3] Red 38 fil-file Dokument AG1.
[4] Red 42 Dokument AG1 – minuti.

jigi ikkunsidrat ghall-area kollha tal-bajja tal-Mistra li ghandu x’jaqsam ma’ attivitajiet turistici u ghalhekk ikkonsidra sabiex izomm l-applikazzjoni pendenti sakemm jigi ifformulat dana il-pjan strategiku. Ghal dina l-laqgha l-imputat Philip Azzopardi ma kienx prezenti u kien qed jippresjedi il-laqgha il-Perit Felix Sciberras.

Illi imbaghad fl-24 ta’ Settembru 2007, id-DCC talab lil *Case Officer* sabiex tikkomunika ma’l-Awtorita ghat-Turizmu sabiex l-istess awtorita taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha fuq dana l-izvilupp u xi zviluppi ohra fl-istess zona.

Illi l-MTA baghtet rapport iffirmat minn certu Mario Attard li jokkupa il-kariga ta’ *Director Product Development Directorate*. [5] Illi l-Qorti tosserva illi ir-rakkomandazzjonijiet li fih dana ir-rapport huma identici kelma b’kelma ghal dawk li gew maghmula minn George Micallef ghan-nom ta’ Insite Consultants fir-rapport li gie ipprezentat mill-Perit Camilleri ghan-nom ta’l-applikant. Fil-fatt jirrizulta illi anke dana it-tieni rapport sar minn George Micallef dina d-darba ghan-nom tal-MTA. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi kien proprju George Micallef li ghadda dana ir-rapport lil Attard u tallbu sabiex ighaddieh lill-Awtorita ta’l-Ippjanar ghan-nom tal-MTA bhala rapport ta’l-Awtorita ghat-Turizmu fuq il-progett tal-bajja tal-Mistra. Jirrizulta illi dana George Micallef jokkupa il-kariga ta’ *acting CEO* fl-Awtorita dwar it-Turizmu u fiz-zmien in kwistjoni kien ukoll konsulent tal-Minisrtru tat-Turizmu.

Wara li gie ipprezentat dana ir-rapport, il-Bord ta-DCC rega’ iltaqa’ u f’dina l-laqgha gie approvat il-hrug ta’l-“*outline development permit*” u dana b’hames voti favur u wiehed kontra.[6] Prezenti kien hemm l-imputati wiehed bhala Chairman u l-iehor membru u l-membri Charles Micallef St.John, Mark Azzopardi, Carmel Portelli, Charles Calleja u Chris Spiteri. Fost il-kundizzjonijiet indikati f’dana il-permess ghal hrug tal-*full development permit*, il-Bord kien iddecieda illi il-hrug ta’ dana il-permess kellu ikun

[5] Red 49 Dokument AG1 datat 1 ta’ Ottubru 2006
[6] Outline development permit jinsab f’Dokument AG1 red 52 datat 22 ta’ Novembru 2007.

soggett ghal hrug qabel xejn tal-*full development permit* in konnessjoni ma' applikazzjoni bin-numru 5209/07, applikazzjoni li kienet saret mill-MTA ghal "*upgrading works*" fil-bajja tal-Mistra. Kien hemm kundizzjoni ohra fis-sens illi l-hrug ta' dana il-permess kellu ikun soggett ukoll ghal *Traffic Impact Assessment* li kellha issir in konnessjoni ma' dina l-lokalita' u dana bl-approvazzjoni ta'l-Awtorita tat-Trasport u ta'l-Ambjent u l-Ippjanar, kif ukoll "*noise assessment*", fost kundizzjonijiet ohra.

Fl-20 ta' Dicembru 2007, imbaghad dahhlet l-applikazzjoni mill-applikant Ian Sultana u dana ghal hrug tal-*full development permit* (file no.7752/07). F'dina l-applikazzjoni giet indikata bicca art ohra biswit l-art in kwistjoni li fuqha kien inhareg l-outline development permit, liema sit kellu jintuza bhala *parking area*. Sid l-art rega' gie infurmat b'ittra registrata u il-file ghadda ghand il-*Case Officer* li din id-darba kienet Victoria Grima. Dina l-applikazzjoni madanakollu giet irtirata mill-applikant b'effett mill-4 ta' Marzu 2008.

Illi dwar l-applikazzjoni imressqa mill-Awtorita ghat-Turizmu dwar progett fil-Bajja tal-Mistra, liema applikazzjoni bdiet tigi ikkunsidrata flimkien ma'l-applikazzjoni mertu ta' dina l-kawza it-talba fl-applikazzjoni kienet talba ghas-segwenti: '*proper allignment of the road, reorganization of car parking spaces, the construction of public toilets, the refurbishment of existing slipway and general landscaping.*" (applikazzjoni numru 5208/07). L-applikazzjoni kien qed jiehu hsiebha il-Perit Alfred Grech mill-Awtorita ghat-Turizmu. Illi jirrizulta illi l-*case officer* f'dina l-applikazzjoni ukoll kienet ser tirrakomanda rifjut abbazi ta'l-istess argumenti migjuba fl-applikazzjoni mertu ta' dina l-kawza fost affarijiet ohra peress illi is-sit huwa sit protett Natura 2000. Izda qabel ma inhareg ir-rapport, il-Perit gie mitlub jissottometti *full development application,* izda wara xi zmien kien inghata struzzjonijiet mill-Awtorita' biex dina l-applikazzjoni ukoll tigi irtirata.

Illi mix-xhieda prodotti quddiem il-Qorti irrizulta ukoll illi matul l-*iter* ta' dawn l-applikazzjonijiet kienu qed jigu

organizzati laqghat informali mill-Complaints u Liason Officer certu Lawrence Vassallo ghal liema laqghat kien ikun dejjem prezenti Jeffrey Pullicino Orland. Ghal xi uhud minn dawn il-laqghat kienu prezenti wkoll l-imputati u dana fejn il-laqghat kienu konnessi ma’l-applikazzjoni mertu ta’ dina l-kawza. F’dawn il-laqghat jidher illi kien hemm prezenti ukoll il-Perit Paul Camilleri u kien jigi diskuss jekk kienx hemm xi possibilita’ illi l-applikazzjoni tigi milqugha. Fil-fatt jidher illi saru anke xi emendi fil-pjanti bhala rizultat ta’ dawn l-laqghat fejn kien zdied il-*landscaping* u tnaqqset l-area ta’l-izvilupp. Illi kienu saru ukoll xi zewg laqghat ohra li ghalihom l-imputati ma kenux prezenti liema laqghat kienu konnessi ma’l-applikazzjoni ta’ l-Awtorita dwar it-Turizmu u ghal dawn il-laqghat kien ikun prezenti wkoll Jeffrey Pullicino Orland. Fil-fatt jidher illi Lawrence Vassallo kien isejjah dawn il-laqghat fuq talba mill-istess Pullicino Orland.

Illi peress illi l-applikazzjonijiet kienu gew irtirati mill-applikanti kemm dik mertu ta’ dina l-kawza kif ukoll l-ohra ta’ l-Awtorita dwar it-Turizmu, ix-xoghol ta’l-Awtorita ta’l-Ippjanar waqaf hemm.

## IL-LIGI

Illi l-imputati huma akkuzati bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 124 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jiddisponi testwalment:

“**Kull ufficjal jew impjegat pubbliku illi bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta’ persuna ohra, jiehu interess privat f’aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk ikollu ghal kollox jew f’parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellu din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt jew l-amministrazzjoni nbdew, jehel meta jisab hati il-piena ta’ prigunerija minn xahar sa sitt xhur u l-interdizzjoni perpetwa tal-kariga jew impieg tieghu pubbliku**.”

Illi l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal dina id-disposizzjoni tal-ligi kien wiehed u cioe' illi ikun hemm sanzjonijiet penali ghal impjegat pubbliku li jabbuza mill-kariga li jokkupa u dana ghall-interess privat tieghu. Illi qabel xejn ghandu jinghad illi dina id-disposizzjoni tal-ligi flimkien ma'l-artikoli l-ohra li jaqghu taht l-istess titolu gew trasportati kwazi kelma b'kelma fil-ligi taghna milli Kodici Franciz u cioe' il-"Code Napoleon" ta'l-1810 u minn 'l hekk imsejjah Codice Penali Per il Regno delle Due Sicilie ta'l-1819. Jidher illi din id-disposizzjoni tal-ligi baqghet prattikament l-istess u ma inbiddlet kwazi xejn mat-trapass taz-zmien. Fil-fatt jekk wiehed jaqra dina id-disposizzjoni tal-ligi fil-Kodici Kriminali originali taghna, l-artikolu 115 kien jaqra hekk: "*ogni ufficiale od impiegato pubblico, che, o apertamente o con atti simulati o con interposizione di persona, prendesse un interesse privato nelle aggiudicazioni, appalti o nelle amministrazioni, sia che egli ne avesse in tutto o in parte la direzione o la vigilanza, sia che l'avesse avuta nel tempo in cui tali aggiudicazioni, appalti od amministrazioni fossero cominciate, sara' punito colla prigionia da uno a sei mesi, e colla interdizione perpetua del suo officio od impiego pubblico*."

Illi fil-kummenti maghmula mil-gurista Santo Roberti ghal Codice Penale delle Due Sicilie, huwa jispjega bl-aktar mod car x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur meta giet ippromulgata dina d-disposizzjoni tal-ligi: "*La situazione speciale dei pubblici impiegati di qualunque grado o qualita esige che'essi tante volte si astengano dal far cio' che forse sarebbe permesso ad altre persone*." Ikompli ighid illi l-ufficjal pubbliku li ikun qed jokkupa il-kariga tieghu minhabba il-fiducja moghtija lilu mil-Gvern u ghalhekk anke mis-socjeta, irid izomm ruhu 'il boghod minn kwalsiasi tip ta' azzjoni li tista' twassal ghal xi suspett jew biza li huwa ikun ikkometta xi tip ta' frodi bi hsara ghall-istess socjeta.

Sahanistra fid-Dritt Ruman insibu illi r-Rumani tant kienu severi illi kien ipprojbit ghal ufficjal pubbliku illi jiehu

sehem fi kwalunkwe tip ta' negozju, f'xi spekulazzjoni jew li jippartecipa fil-kummerc.

Illi il-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) jispjega b'mod dettaljat x'iinhuma l-elementi kostituttivi ta' dana ir-reat meta ighid"

"*Gli elementi di questo reato sorgono chiaramente dai termini coi quali sono concepiti i detti articoli. Per questo reato egli e' necessario che si dichiari dal giuri':*
*1. che l'accusato sia ufficiale od impiegato pubblico;*
*2. che abbia preso un interesse privato nelle aggiudicazioni, negli appalti o nelle amministrazioni, od in un affare in cui egli fosse incaricato di dare ordini, di fare liquidazioni, di disporre o di fare alcun pagamento;*
*3. che lo ufficiale od impiegato abbia od abbia avuto la direzione o la vigilanza, nel tempo in cui le aggiudicazioni, gli appalti o le amministrazioni fossero cominciate e;*
*4. che gli atti commessi avuto luogo fraudolentemente.*

**<u>1. L'ufficjal pubbliku.</u>**

Illi il-persuna akkuzata fil-kummissjoni ta' dana ir-reat, necessarjament irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku. Jekk hu nieqes dana l-element, allura ma hemmx dana ir-reat – reat li jikkonsisti fl-abbuz tal-funzjonijiet pubblici. Il-Luigi Maino fil-kummenti tieghu ghal din id-disposizzjoni tal-ligi (li fil-Codice Zanardelli tal-1889 u sussegwentement fil-Codice Rocco ta'l-1930 kienet simili ghall-artikolu 124 tal-ligi taghna) fil-fatt ighid illi dina id-disposizzjoni tal-ligi "*prevede e punisce i pubblici ufficiali colpevoli di quei traffici indecorosi dove il loro interesse privato viene in conflitto con l'interesse pubblico. … A costituire il delitto in esame e' necessario che l'agente sia pubblico ufficiale ed eserciti il proprio ufficio presso la pubblica amministrazione interessata nell'atto nel quale egli prenda un interesse privato, qualunque sia l'entita' di questo*."[7] Il-Manzini fil-kummenti tieghu ghal Codice

[7] Commento al Codice Penale Italiano (Terza Edizione- Parte Prima 1913)

Rocco ta'l-1930 ighid: "*Soggetto attivo del delitto puo' essere esclusivamente il pubblico ufficiale. …*"

## 2. L-interess privat

Illi l-ligi taghna tispecifika illi l-ufficjal pubbliku irid ikun ha xi interess privat kemm bid-dieher, kif ukoll bil-mohbi, jew permezz ta' persuna ohra f'aggudikjazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi minn imkien fil-ligi taghna ma insibu definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi dana l-interess privat. Il-Falzon ighid: "*Codesta ingerenza d'interesse privato, per dar luogo al reato, e' indifferente in quale modo abbia avuto luogo. E' vietato il prendere questo interesse sia apertamente sia per atti simulati, sia per interposizione di persona. Sotto la denominazone di atti simulati non s'intendono i soli atti scritti; la parola atti in questo articolo significa tutto cio' che si e' fatto, detto o convenuto.*" Illi l-Manzini jiddeskrivi dana l-element ta'l-interess privat bhala "l-elemento materiale del delitto" Huwa isostni : "*prende interesse privato nei detti atti il pubblico ufficiale, che in relazione ad essi compie un fatto d'ingerenza qualsiasi per un illecito fine privato qualunque, a vantaggio proprio o altrui. Prendere interesse privato non equivale a ricavare utilita' privata, ma semplicemente ad interessarsi dell'atto o nell'atto, nel momento della sua proposizione, deliberazione, ratificazione, modificazione, revoca, annullamento, esecuzione, ecc, in vista d'una illecita finalita' privata qualunque.*" Ikompli "*Non e' necessaria la sussistenza di un nesso particolare fra l'atto della pubblica amministrazione e l'ingerenza illecita. Ne' occorre che il fine privato, che il pubblico ufficiale consegue o cerca di raggungiere, sia assolutamente in conflitto con l'interesse pubblico; basta soltanto che sia incompatibile funzionalmente; ….*" Ghalhekk sabiex ir-reat ikun wiehed ikkunsmat "*basta che il pubblico ufficiale si interessi per un fine privato di un affare o in un affare del suo ufficio. … Il delitto si consuma col primo atto di quell'interessamento, e non si richiede ne' la produzione di un danno economico per la pubblica amministrazione, ne il conseguimento d'un lucro o d'altro vantanggio da parte del colpevole o di altri; e' sufficiente il pericolo*

*funzionale derivante dalla violazione del dovere d'ufficio*." Lanqas ghalhekk ma huwa importanti l-qliegh ahhari li ikun ser jaghmel jew ikun ghamel l-ufficjal pubbliku sabiex jisussissti dana ir-reat. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid "If the public officer or servant has taken a private interest the value or amount of such interest is immaterial for the subsistence of the crime." Dana ghaliex kif tajjeb jispjega il-Manzini: "*per l'imputabilita' dell'esaminato delitto e' necessario il dolo, cioe' la volonta libera e cosciente e l'intenzione di compiere il fatto d'interessamento privato in relazione a un atto della pubblica amministrazione presso la quale il pubblico ufficiale esercita il proprio ufficio. … Il fine e il motivo particolare del colpevole sono indifferenti: siano essi di lucro, di ambizione, di amicizia, ecc' siano ignobili o no, riguardino la persona del colpevole o un terzo ecc."* Dana ghaliex ir-reat jimmaterjalizza rurhu hekk kif l-ufficjal pubbliku jiehu dana l-interess privat f'xi att li jaqa' fil-manzjonijiet tieghu u dana ghal kawlunkwe fini illecita.

Illi ghalhekk l-ufficjal pubbliku illi jippartecipa jew jiehu sehem f'negozji jew xi skambju iehor li huwa inkompattibbli mal-kariga minnu okkupata isir hati tal-kummissjoni ta' dana ir-reat. Dana minnu innifsu jimplika illi l-ghan ahhari ta'l-ufficjal pubbliku huwa wiehed illecitu anke jekk dina l-azzjoni tieghu mhux necessarjament iggib xi forma ta' hsara materjali ghall-amministrazjoni pubblika. Kif ighid tajjeb il-Carrara: " *nello stesso abuso di ufficio che non si estrinseca in un'azione gia di per se criminosa, tutta la oggettivita giuridica del reato si incontra nella violazione dello speciale dovere che all'ufficiale imponeva l'ufficio, e cosi' in un rapporto esclusivamente personale fra l'impiegato e la societa'*."

3. **L-interess privat f'aggudikazjoni, appalt jew amministrazzjoni**.

Illi l-ligi taghna kif imfassla fuq il-Codice delle Due Sicilie u il-Code Napoleon, tippreciza illi l-interess privat irid ikun sehh f'xi att ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi il-ligi penali Taljana kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll sussegwentement fil Codice Rocco ma baqghetx tispecifika l-att li fih l-ufficjal pubbliku ikun ha dana l-interess privat fejn id-dispost tal-ligi gie jaqra: '*Il-pubblico ufficiale, che, direttamente o per interposta persona, o con atti simulati, <u>prende un interesse privato in qualsiasi atto della pubblica amministrazione</u> presso la quale esercita il proprio ufficio, e' punito con la reclusione …*" [8] Il-ligi taghna madanakollu hija wahda aktar ristrettiva, izda ma tispecifikax x'inhuma dawn l-atti ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni. Illi l-gurisprudenza taljana interpretat dawna l-atti bis-segwenti ezempji li forsi jistghu iwasslu sabiex wiehed jifhem fejn ried jasal il-legislatur meta giet promulgata dina id-disposizzjoni tal-ligi bosta snin ilu:

"*Commette il reato qui preveduto l'usciere che per interposta persona concorre all'asta dei mobile pignorati procedendo alla vendita di parecchi di essi in conferma e per un prezzo molto inferiore alla stima, Cass.14 gennaio 1891.*

*"L'esattore che per interposta persona licita od aviene aggiudicatore di beni da lui fatti porre all'asta, per imposte non sodisfatte … Cass.10. settembre.*

*"Neanche I semplici consiglieri comunali possono prendere un interesse privato qualunque nelle aggiudicazioni e negli appalti, o in altro atto qulaunque della pubblica amministrazione – Cass.12 febbraio 1890*."[9]

Ukoll il-Falzon jispjega fin-noti tieghu: " *Consiste il terzo elemento del reato nella circostanza di fatto che l'ufficiale abbia preso un interesse private in un'aggiudicazione, in un appalto od in una amministrazione della direzione di che egli fosse stato incaricato e su cui avesse dovuto esercitare vigilianza; ed in questa funzione di vigilanza e*

[8] Illi ghandu jinghad illi dina id-disposizzjoni tal-ligi giet mhassra mill-Kodici Taljan permezz ta' Legge 26 aprile 1990 n.86. Illum ghalhekk dina id-dispoiszzjoni tal-ligi ma ghadhiex tezisti fil-kodici penali taljan.

[9] Zerboglio – Trattato di diritto penale Vol.III Dei delitti contro la pubblica amministrazione e l'amministrazione della Giustizia.

*di direzione il reato attinge la sua immoralita' ed il tradimento ed abuso di confidenza.*"[10]

4. L-***animus*** **frawdolenti**

Illi fl-ahharnett huwa necessarju sabiex jissussisti dana ir-reat illi l-intenzjoni ta'l-ufficjal pubbliku ikun wiehed frawdolenti. Il-Falzon ighid: "*Quantunque quest'ultimo elemento non sia indicato nel testo della legge in termini espresso, pure e' certo che mancando questa intenzione criminosa, senza la quale un reato di commissione non potrebbe esistere, codesta legge non e' applicabile. Egli e' chiaro che dal fatto istesso proibito si presume l'animo fraudolente; ma questa e' una presunzione, la quale deve cedere alla verita, e l'ufficiale puo' benissimo provare la propria buona fede e la purezza della sua intenzione*." Dina l-ahhar element kostituttiv ta' dana ir-reat hija intrinsikament marbuta mat-tieni element u cioe' ma' l-element ta'l-interess privat kif definit iktar 'il fuq – interess privat li irid ikollu fini illecita.

**IL-PROVI**

Illi l-Qorti issa sejra tghaddi sabiex fid-dawl ta' dak hawn fuq espost u cioe' fid-dawl tal-principji legali li isawru l-akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, tezamina jekk l-provi imressqa f'dina l-kawza jistghux iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-istess imputati.

Illi qabel xejn ghandu jinghad matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza ingieb volum ta' provi, kemm permezz ta' xhieda *viva voce* kif ukoll permezz ta' provi dokumentali li ai fini tar-reat in dizamina ftit li xejn ghandhom rilevanza. Illi l-Qorti f'dina il-vertenza mhijiex imsejha sabiex tissindika id-decizjonijiet mehuda mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta'l-Izvilupp fi hdan l-Awtorita ta'l-Ippjanar. Ghal dana il-ligi tipprovdi espressament fil-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fl-Att Dwar l-

[10] Annotazioni alle Leggi Criminali per l'isola di Mlata e sue dipendenze 1872

Ippjanar ta'l-Izvilupp. Dana qed jinghad ghaliex fil-maggior parti taghhom ix-xhieda migjuba kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza spjegaw l-*iter* kollu li segwiet dina l-applikazzjoni fid-dettalji kollha taghha. Illi ma huwiex il-kompitu tal-Qorti, jerga' jinghad illi b'xi mod tidhol biex tinvestiga u tiddeciedi jekk dina l-applikazzjoni segwietx l-*iter* normali taghha jew inkella jekk id-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni u cioe' mill hekk imsejjah DCC Bord li tieghu l-imputati kienu membri u chairperson, kenitx decizjoni li ittiehdet skond il-ligi u cioe' jekk kenitx imsejsa fuq "*planning grounds*." Tali decizjoni tispetta biss lill-Awtorita' u lil hadd iktar skond il-ligi. Il-Qorti hawnhekk trid tara biss jekk bl-agir taghhom l-imputati f'xi mod hadux interess privat fil-gudizzju li huma esprimew meta ittiehed il-vot dwar il-hrug ta'l-*outline development permit* u xejn iktar. Jekk id-decizjoni taghhom kenitx wahda mehuda skond ir-regoli ta'l-ippjanar o meno hija kwistjoni li dina l-Qorti certament mhijiex ser tidhol fiha u lanqas huwa il-kompitu taghha li taghmel dana.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza, fejn kif diga inghad, il-Qorti kellha l-opportunita' tisma diversi xhieda u ghalhekk kellha stampa cara hafna ta' dak li sehh fl-*iter* ta' dina l-applikazzjoni, irrizulta illi l-prosekuzzjoni sejset il-kaz kollu taghha principalment fuq dak mistqarr mill-imputati fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet. Minn dawn l-istqarrijiet harrgu zewg punti ewlenija li abbazi taghhom il-proskezzjoni wasslet biex ressqet l-akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputati f'dina il-kawza. Dawn iz-zewg punti jew dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputati jirreferu ghal dak li sehh f'laqghat li saru fejn kienu prezenti huma u cioe' l-imputat Philip Azzopardi bhala Chairperson tad-DCC Bord u l-imputat Anthony Mifsud bhala membru ta'l-istess Bord, liema laqghat gew organizzati minn certu Lawrence Vassallo li jokkupa il-kariga ta' *Liason Officer* fi hdan l-Awtorita u fejn kien hemm prezenti il-Perit Paul Camilleri li kien il-perit li hejja l-applikazzjoni ghan-nom ta'l-applikant kif ukoll l-Onorevoli Jeffrey Pullicino Orland, li kien sid l-art li fuqha kien ser isir l-izvilupp propost. L-imputati fil-kors ta'l-interrogazzjoni jesprimu dubbju dwar jekk dawna l-laqghat setghux isiru, tant illi l-prosekuzzjoni bdiet isejjah dawn il-

laqghat bhala laqghat klandestini. Ukoll l-imputati fl-istqarrija taghhom ighidu illi l-presenza ta’l-Onorevoli Pullicino Orland ghal dawn il-laqghat kellha influwenza fuq id-decizjoni li huma hadu u ghalhekk jistqarru illi huwa seta’ ezercita xi tip ta’ pressjoni fuqhom meta gew biex jiehdu il-vot taghhom. Jistqarru madanakollu illi huma qatt ma kienu konsapevoli tal-fatt illi Jeffrey Pullicino Orland kien sid l-art u li ghalhekk kellu interess personali peress illi hadd ma kien gharrafhom b’dana. Izda minhabba l-fatt illi huma kienu jafu illi l-istess Pullicino Orland kellu interess fit-turizmu hassew illi huwa kien qed ikun prezenti hemmhekk ghal skopijiet ta’ turizmu. [11]

Illi ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina dawn iz-zewg punti fid-dawl tal-elementi legali kostituttivi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali kif hawn fuq espost.

A. UFFICJAL PUBBLIKU

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi dwar l-ewwel element legali ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. L-imputati Philip Azzopardi u Anthony Mifsud fil-karigi okkupati minnhom bhala Chairperson u membru tad-DCC Bord A rispettivament huma ikkonsidrati bhala ufficjali pubblici skond il-ligi. Illi fil-fatt l-artikolu 2 tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi ufficjal pubbliku ghandha it-tifsira moghtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi: “Ufficjal pubbliku tfisser id-detentur ta’ xi kariga pubblika jew ta’ persuna mahtura biex tagixxi f’xi kariga bhal dik.” Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi z-zewg imputati jikkwalifikaw bhala ufficjali pubblici. Dana ma giex ikkontestat lanqas mid-difiza.

B. L-INTERESS PRIVAT.

Illi l-interess privat ta’l-ufficjal pubbliku huwa l-element ewlieni li fuqu huwa mibni dana ir-reat. Jekk dana l-interess ma jigix ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, allura r-reat ma jistax jissussuti. Illi l-

---

[11] Ara stqarrijiet ta’l-imputati Dokumenti AG10, AG11 u AG12 a fol.60 sa 70 tl-process

Prosekuzzjoni min-naha taghha targumenta illi l-fatt illi fit-tehid tad-decizjoni taghhom l-imputati hassew illi gew influwenzati mill-Onorevoli Pullicino Orland jew li huwa seta' ezercita xi tip ta' pressjoni fuqhom waqt il-laqghat li saru fl-ufficju ta' Lawrence Vassallo dana jikkostitwixxi l-interess privat li trid il-ligi – interess privat targumenta l-proskeuzzjoni li ghalhekk mhuwiex l-interess pubbliku. Illi l-Qorti ghalhekk sejra tghaddi sabiex tezamina l-isfond li fihom saru dawn il-laqghat. Qabel xejn irid jinghad illi l-procedura li issewgi l-Awtorita' dwar l-Ipjjanar ma ghandha xejn x'taqsam mal-proceduri segwiti fil-Qrati tal-Gustizzja meta wiehed jigi biex jaghti xi forma ta' decizjoni. Id-decizjonijiet li taghti l-awtorita' jew il-bordijiet li huma kostitwiti taht dik il-ligi jirrigwardaw l-hrug o meno tal-permessi ghall-izvilupp tal-bini. L-*iter* li issewgi applikazzjoni ma hijiex xi wahda semplici kif jirrizulta mill-kors ta' dina l-kawza. Fil-fatt il-ligi ta'l-ippjanar tipprovdi mezz sabiex wiehed l-ewwel jindaga jekk l-applikazzjoni tieghu hijiex wahda li tista' twassal ghal ezitu pozittiv, imbaghad jekk jirrizulta illi x'aktarx dana huwa il-kaz u illi l-applikazzjoni hija wahda li hija favorevoli ghall-ghanijiet ta' ippjanar allura l-applikant ikun jista' jissottometti applikazzjoni ohra fejn jerga' jigi segwiet *iter* iehor simili li iwassal ghal hrug finali ta'l-permezz ghall-izvilupp. Hawnhekk qed issir referenza ghall-permessi hekk imsejjha "*outline development permits*" fejn wiehed ghalhekk l-ewwel jindaga dwar x'possibilitajiet ghandu illi l-applikazzjoni tieghu tintlaqa'. Imbaghad jekk jinhareg dana il-permess l-applikant jista' imbaghad japplika ghal *full development permit* u huwa biss wara l-hrug ta'dan l-ahhar permess illi ikun jista' jinbeda l-izvilupp.

Illi mix-xhieda mismugha minn dina l-Qorti irrizulta illi fl-*iter* kollu li isegwu dawna l-applikazzjoni, ghall-applikant ikun permess illi jikkomunika mal-persuni koncernati fi hdan l-Awtorita li jiehdu hsieb dina l-applikazzjoni sabiex flimkien maghhom ikun jista' jara jekk hemmx xi diffikulta' fl-applikazzjoni tieghu li tista' tigi sorvolata. Ghal dana il-ghan ghalhekk inholoq l-ufficju ta' "Complaints u Liason Officer" fi hdan l-Awtorita' liema kariga illum hija okkupata minn Lawrence Vassallo, li xehed f'dawn il-proceduri sabiex jspjega x'inhi n-natura tax-xoghol tieghu u anke

esebixxa il-kuntratt tieghu ta'l-impieg.[12] Fis-sezzjoni intitolata "*Overall Purpose of Job*" fejn hemm indikat x'inhu l-iskop ta' dina l-kariga jinghad:
"*To provide a competent interface between the decision making bodies, the Directorate and Government together with the Authority's broader client base with a particular focus on Planning*" Fil-klawsola numru hamsa imbghad ta' dana il-kuntratt jinghad ukoll illi xoghol dana il- Liason Officer ghandu ikun ukoll "Improving communication between key stakeholders and Decision taking bodies in the planning process." Ukoll fil-klawsola numru 8 "*Extensive contact with the public and statutory bodies to resolve contentious issues*."

L-iskop ghalhekk ta' dana l-ufficju huwa proprju sabiex l-ufficjal inkarigat jisma' l-ilmenti ta'l-applikant kif ukoll sabiex isir kuntatt bejn l-applikant u il-persuni li ikunu ser jiehdu id-decizjoni dwar l-applikazzjoni. Dana sabiex jigi spjegat lill-istess applikant id-diffikultajiet li ikun hemm f'applikazzjoni u sabiex jigi mistharreg jekk jistghux isiru xi emendi fl-applikazzjoni u dana bil-ghan illi ikun hemm ezitu posittiv ghal kulhadd, kemm ghal applikant li ma ikunx tilef l-opportunita tieghu sabiex jizviluppa l-proprjeta tieghu, kif ukoll sabiex wiehed jara illi tali zvilupp ikun qed isir skond ir-regoli tal-ippjanar. Jidher ghalhekk illi dawna it-tip ta' laqghat huma prassi normali fi hdan l-Awtorita'. Dana jirrizulta minn diversi xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri fosthom diversi periti li ukoll ghamlu xi zmien jiffurmaw parti minn xi wiehed mill-bordijiet fi hdan l-Awtorita'[13] Illi fil-kaz in dizamina jidher illi l-laqghat kollha li saru kienu kollha laqghat li gew organizzati jew imsejjha biex isiru minn Lawrence Vassallo. Dana huwa fatt mhux ikkontestat. Fl-ebda hin ma jidher illi kien xi hadd mill-imputati li organizza dawn il-laqghat jew inkella li sar xi kuntatt personali bejn l-applikant jew Pullicino Orland sabiex jissejjhu dawn il-laqghat. Jidher ukoll illi hija fid-diskrezzjoni ta'l-istess Vassallo lil min jistieden ghal dawn il-laqghat. Lawrence Vassallo jikkontendi illi kien Jeffrey Pullicino Orland li l-ewwel li kellmu fuq dawn il-laqghat.

[12] Ara Dokument LV a fol.285 tal-process
[13] Ara xhieda Perit Paul camilleri, Lawrence Vassallo, Perit Paul Borg, Perit Joseph Cassar, Perit Victor Torpiano fost ohrajn.

Ghall-ewwel laqgha li saret kienu attendew il-Perit Paul Camilleri, Joe Tabone Iacono li kien membru fuq l-Executive Committee tal-Awtorita', l-imputat Philip Azzopardi u Pullicino Orland. Ghat-tieni laqgha kienu prezenti il-Perit Camilleri, l-imputat Anthony Mifsud, Philip Azzopardi, il-Perit Felix Sciberras mill-Awtorita' u Pullicino Orland. Ghal dina it-tieni laqgha Vassallo ighid li stieden lil Mifsud biex jattendi permezz illi huwa kien il-membru fuq il-Bord intiz fl-agrikoltura. Ghat-tielet laqgha Vassallo ighid illi Pullicino Orland xtaq illi ikun prezenti ukoll George Micallef mill-Malta Tourism Authority. Dana sehh peress illi kif inghad iktar 'il fuq, l-Awtorita ghat-Turizmu kellhom applikazzjoni ukoll ghat-tisbieh ta'l-bajja tal-Mistra u hawn sar is-suggeriment biex iz-zewg applikazzjonijiet jigu ikkunsidrati flimkien. F'dina il-laqgha kienu prezenti il-Perit Camilleri, George Micallef, u Pullicino Orland. Vassallo ighid illi f'dina il-laqgha Pullicino Orland beda jinsisti sabiex tittiehed decizjoni peress illi kien ghadda wisq zmien. Wara dana ittiehdet id-decizjoni fuq l-applikazzjoni ta' Ian Sultana mertu ta' dina l-kawza. Wara li ittiehdet id-decizjoni saret laqgha ohra u dana ghar-rigward ta'l-applikazzjoni tal-Malta Tourism Authority. L-imputati ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dina l-laqgha.

Illi fl-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija l-imputati jistqarru illi dawn il-laqghat kellhom effett fuq id-decizjoni mehuda minnhom. Dana ghaliex huma kienu diga ifformulaw opinjoni tant illi kienu ser jivvutaw kontra dina l-applikazzjoni fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-case officer. Izda wara dawn il-laqghat huma hassew illi setghu jivvotaw favur il-hrug tal-*outline development permit* u dana soggett ghal diversi kundizzjonijiet. Fost dawn il-kundizzjonijiet kien hemm illi l-hrug finali tal-permess u cioe il-*full development permit* kellu ikun marbut mal-hrug tal-*full development permit* tal-Awtorita' tat-Turizmu konness mal-bajja tal-Mistra. Inoltre, u dana fuq suggeriment ta'l-imputat Anthony Mifsud, kellu isir *traffic impact assessment* u dana minhabba illi d-dhul u l-hrug ghal bajja ma kienx tali li jippermetti flow of traffic qawwija u ghalhekk dina l-problema kellha tigi analizzata qabel ma jinhareg il-permess finali.

Illi qabel l-għoti tad-deċiżjoni jidher illi l-Bord iddiskuta dina l-applikazzjoni. Illi mix-xhieda tal-membri l-oħra tal-Bord jirriżulta illi uħud ħadu deċiżjoni favur u oħrajn kontra il-ħruġ ta' dana l-*outline development permit*. Fl-ebda ħin ma jidher illi xi ħadd mill-imputati b'xi mod influwenza lil xi membru tal-Bord għar-rigward tad-deċiżjoni li kellu jieħu. Dana għall-inqas ma jirriżulta minn imkien mill-provi u huwa fatt ukoll mhux ikkontestat. Il-membri kollha tal-Bord jidher illi ħadu id-deċiżjoni tagħhom fil-liberta'.[14]

Illi għalhekk jidher illi dawna l-laqgħat setgħu isiru b'mod leġittimu u ma jidhirx illi kien hemm xejn irregolari fihom tant illi l-Awtorita ħolqot l-uffiċju ta' Complaints u Liason Officer proprju għal dana il-għan.

Illi għar-rigward tal-pressjoni jew influwenza illi l-Onor. Pullicino Orland seta' eżerċita fuq l-imputati b'tali mod illi huma wasslu sabiex jivvutaw favur il-ħruġ tal-permess jirriżulta is-segwenti. Illi mill-provi li inġiebu quddiem il-Qorti jidher illi ħadd mill-imputati ma kien jaf lill-imsemmi Pullicino Orland fuq bażi personali. Irriżulta ukoll illi matul l-iter kollu ta' dina l-applikazzjoni Pullicino Orland qatt ma ikkomunika ma' xi wieħed mill-imputati direttament. Illi l-unici laqgħat li kellhom l-imputati ma' Pullicino Orland kien biss fil-laqgħat imsejħa minn Lawrence Vassallo. Illi l-imputati ma kienux a konoxxenza tal-fatt illi l-art li fuqha kien ser isir l-iżvilupp kienet proprjeta ta'l-istess Pullicino Orland. Fil-fatt jidher illi huma ħassewhom urtati għal fatt illi qatt ma ġew mgħarrfa b'dana għaliex altrimenti kienu jifhmu mod ieħor x'kien l-interess tiegħu f'dina l-applikazzjoni. Illi di piu' huma lanqas ma kienu jafu la lill-applikant u cioe' lil Ian Sultana u lanqas lill-iżvilupattur Dominic Micallef.[15] Mill-provi jirriżulta illi l-imputati għandhom esperjenza twila u vasta fil-kamp professjonali tagħhom. Il-perit Philip Azzopardi għandu ix-xogħol privat tiegħu filwaqt illi l-imputat Anthony Mifsud kien wasal biex jirtira. Dana qed jingħad peress illi mill-provi ma jirriżultax illi l-imputati kemm finanzjarjament kif ukoll b'xi mod ieħor

[14] Ara xhieda tal-Perit Chris Spiteri, Charles Calleja, Carmel Portelli, Mark Azzopardi
[15] Ara xhieda ta' Ian Sultana, Dominic Micallef u Jeffrey Pullicino Orland a fol. 487, 490 u 289 tal-process

kienu ser jircevu xi beneficcju jekk jivvotaw favur il-hrug tal-permess. Ma jidhirx assolutament illi huma kienu gew imwieghda xi haga minn xi hadd. La ircevew xi flus u wisq anqas xi beneficcju iehor.[16] Dana il-fatt ukoll mhux ikkontestat mill-prosekuzzjoni.

Illi dana kollu iwassal lil Qorti sabiex minghajr l-ebda dubbju tistqarr illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova dana l-interess privat li kellhom l-imputati f'dina l-applikazzjoni. Altrocche', jirrizulta mill-provi prodotti illi huma ma kellhom l-ebda interess privat kif trid il-ligi u dana ghal xi fini illecita. Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument wiehed kellu jaccetta it-tezi migjuba 'il quddiem mill-prosekuzzjoni illi l-imputati setghu gew influwenzati fid-decizjoni taghhom jew inkella li hadu l-istess decizjoni minhabba xi forma ta' pressjoni, dina l-influwenza jew pressjoni ma twassalx ghall-interess privat li trid il-ligi. Il-ligi tispecifika illi irid ikun hemm "finalita' illecita". Dana bl-ebda mod ma gie ippruvat! Illi qabel xejn irid jinghad illi lanqas x'kienet dina l-influwenza jew pressjoni ma giet ippruvata mill-prosekuzzjoni ghajr ghal dak li jistqarru l-imputati stess fl-istqarrijiet taghhom. Illi l-imputati fix-xhieda taghhom jaghtu spjegazzjoni ta' x' kienet dina l-pressjoni jew influwenza u cioe' huma ighidu illi lil Jeffrey Pullicino Orland rawh bhala persuna prominenti fit-tmexxija futura tal-pajjz, persuna li hija maghrufa li ghandha interess partikolari fit-turizmu u ghalhekk hassbu illi kien presenti minhabba ir-rwol pubbliku tieghu. Ghalhekk ighidu li xtaqu ighinuh! Dik hija l-ispjegazzjoni li jaghtu l-imputati. U ma hemmx l-ebda prova ohra li iggib il-prosekuzzjoni li tindika l-kuntrarju. Dina certament ma hijiex bizzejjed ghas-sejbien ta' htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. L-ebda finalita' illecita ma tirrizulta.

Illi ghalhekk gialdarba dana l-element ta'l-interess privat huwa nieqes il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol ulterjorment fl-elementi l-ohra mitluba fil-ligi. Illi fi kwlaunkwe kaz u dan ghal kompletezza ta' dina id-decizjoni irid jinghad illi ghar-rigward tat-tielet element, il-

[16] Ibid

Qorti ukoll ghandha dubbju ghar-rigward ta' kemm dina tapplika ghal kaz in dizamina

C. **L-interess privat f'agudikazzjoni, appalt jew xoghol ta' amministrazzjoni li taghhom huwa kellu it-trigija jew is-sorveljanza.**

Illi il-ligi isemmi tlett istanzi li fih l-ufficjal pubbliku jiehu dana l-interess privat jew personali u cioe' l-aggudikazzjoni, l-appalt u xoghol ta' amministrazzjoni. Illi mit-tlett istanzi imsmemija fil-ligi, l-Qorti tqies illi l-ewwel wahda x'aktarx tqarreb lejn dak illi kienu gew mitluba jaghmlu l-imputati. L-imputati kellhom jaghtu decizjoni. Kwindi dina ma hijiex kwistjoni ta' appalt jew inkella xi xoghol ta'amministrazzjoni. Illi l-kelma aggudikazzjoni fil-kamp legali madankollu timplika l-aggudikazzjonijiet li isiru per ezempju fil-bejgh bis-subbasta. Illi anke il-Kapitolu 356 isemmi "decizjonijiet dwar l-Ippjanar" u 'decizjonijiet tal-Kummissjoni'[17] u minn imkien ma tohrog il-kelma aggudikazzjoni. Illi ghalhekk il-Qorti ukoll ghar-rigward ta' dana l-element kostituttiv ta' dana ir-reat tqis illi f'dana ir-rigward ma giex ippruvat illi l-funzjonijiet ta' l-imputati bhala ufficjali pubblici kienu konnessi ma' xi tip ta' aggudikazzjoni, appalt jew amministrazzjoni stante illi huma hadu decizjoni dwar l-ippjanar ai termini ta' dak dispost fil-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi per ezempju il-ligi isemmi il-kelma aggudikazzjoni fid-disposizzjonijiet li jrrigwardaw il-bejgh bl-irkant fil-Kodici tal-Organizazzjoni u l-Procedura Civili, l-aggudikazzjoni ta' tenders fost ohrajn, izda d-decizjoni li tittiehed f'dana il-kaz ma tissejjahx aggudikazzjoni li allura timplika illi qed issir ghazla bejn diversi persuni dwar min ser jigi moghti xi haga! Fil-fatt anke il-Falzon fin-noti tieghu jiddeskrivi il-funzjoni tal-ufficjal pubbliku bhala *"la direzione o la vigilanza"* Fil-fatt ghar-rigward ta'l-aggudikazzjoni huwa ighid illi l-obbligu tal-ufficjal pubbliku huwa *"di dirigere l'aggudicazione"* u *"di vigilare l'aggudicazione"* li jimplika allura illi hawnhekk wiehed mhuwiex qieghed jitkellem dwar decizjoni. Anke l-artikolu 124 stess isemmi il-kliem "it-trigija" jew "is-sorveljanza" li allura ifisser proprju illi

[17] Ara artikolu 13 tal-Kapitolu 356

f'dawn it-tlett istanzi l-ufficjal pubbliku ikun qed jiddirigi jew inkella jissorvelja izda mhux jiddeciedi!

**4. L'animo fraudolente".**

Illi dana l-ahhar element kif diga inghad huwa marbut mal-interess privat kif diga menzjonat. Fil-fatt kif ighid il-Falzon l-interess privat jimplika illi l-persuna li tikkometti dana ir-reat necessarjament irid ikollha tali intenzjoni. Illi l-Qorti diga dahhlet biex tezamina dawna l-fatti iktar 'il fuq u ghalhekk tiddikjara illi dina l-intenzjoni ma gietx ippruvata mill-prosekuzzjoni. Dana ghaliex:

a. l-imputati ma kenux jafu lill-applikant, lill-izviluppatur u wisq anqas lil Pullicino Orland

b. ma kellhom l-ebda interess jew ishma f'xi socjeta jew kumpanija gestita minn Pullicino Orland jew minn Dominic Micallef u wisq anqas ghalhekk kienu konsapevoli tal-ftehim li kien jezisti bejn l-izviluppatur u Pullicino Orland ghar-rigward tal-kirja ta'l-art in kwistjoni.

c. Ma ircevew l-ebda flus u lanqas kienu mwiegheda xi flus.

d. Ma ircevew l-ebda beneficcju iehor u lanqas kienu mwieghda ebda beneficcju iehor.

e. Kienu biss matul il-laqghat organizzati minn Lawrence Vassallo illi iltaqghu ma Pullicino Orland, laqghat li kif diga inghad jidher illi huma perfettament legittimi.

f. Id-decizjoni li ittiehdet kienet wahda li ittiehdet mill-bord kollu u ma kenitx tiddependi biss mill-imputati.

g. L-ebda wiehed mill-imputati ma ezercita xi influwenza fuq il-membri l-ohra tal-Bord li hadu id-decizjoni fil-liberta' u minghajr ebda konsultazzjoni.

h. Id-decizjoni kienet tirrigwarda biss il-hrug ta' *outline development permit* li ma wassalx lill-izviluppatur sabiex jibda bl-izvilupp ippjanat.

i. Id-decizjoni kienet soggetta ghal diversi kundizzjonijiet u cioe' illi l-hrug tal-*full development permit* kellu ikun soggett ghal kundizzjonijiet indikati fl-istess permess.

Illi l-agir ta’l-imputati bl-ebda mod ma kien wiehed illecitu. Mill-provi li instemghu quddiem il-Qorti jidher illi l-imputati huma nies ta’ certu integrita professjonali. B’dana ma ifissirx illi l-Qorti qieghda b’xi mod tissindika jekk id-decizjoni li ittiehdet minnhom kenitx wahda mehuda fid-dawl ta’ dak dispost fil-ligi dwar l-Ippjanar. Dana mhuwiex il-kompitu tal-Qorti. Dan huwa xoghol ta’l-Awtorita li ghandha tara illi kull decizjoni li tittiehed hija imsejsa fuq ir-regoli ta’l-ippjanar u fil-fatt il-ligi stess fil-Kapitolu 356 tipprovdi procedura *ad hoc* fejn l-Awtorita ghandha tissindika xi decizjoni li ma tidhirx li giet mehdua skond il-ligi taghha. Il-Qorti hawnhekk giet imsejha sabiex tara jekk bl-agir taghhom, l-imputati setghux jigu misjuba hatja li ikkomettew xi reat kriminali u mill-atti processwali dana ma jirrizultax.

Illi dana kollu iwassal lill-Qorti sabiex tistqarr illi l-imputati ma jistghu qatt jinstabu hatja tar-reat li dwaru huma gew akkuzati peress li ma tezisti l-ebda prova li tlahham b’xi mod l-elementi legali rikjesti fl-artikolu 124 tal-Kodici Kriminali ghal sejbien ta’ htija.

Ghaldaqstant il-Qorti fid-dawl tar-risultanzi processwali qed tillibera lill-imputati mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------